# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR**

**DR. JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 4 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 744/02**

**Numru 13**

**Mobisle Communications Ltd**

**vs**

**Daniela Frendo**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm321.67 (tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u seba u sittin centezmu) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta Daniela Frendo lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Numer 4404 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-soceta attrici u dana fix-xhur bejn Lulju u Dicembru 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 2002, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Sema lil Dr Nicolai Mifsud Farrugia jikkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Ra li l-konvenut naqas li jipprezenta risposta.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm321.67 (tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u seba u sittin centezmu) dovuti ghal servizz telefoniku

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

Dr Jospeh P. Bonnici
Gudikatur